MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 135/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Azzopardi talli nhar it-2 ta’ Settembru 2001 bejn is-6.00 p.m. u s-7.00 p.m., fil-fond numru 39, ‘Okella Agius’, flat numru 13, Triq Qormi, Hamrun;

a) bi vjolenza ikkommetta stupru vjolenti fuq il-minuri Adriana Zerafa ta’ 8 snin;

b) u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b’ghemil zieni ikkorrompa lill-imsemmija Adriana Zerafa ta’ 8 snin

c) u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri Adriana Zerafa kontra l-volonta` taghha jew ta l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
d) u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-imsemmija minuri Adriana Zerafa;

e) u aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, biex jissodosfa z-zina ta’ haddiehor, hajjar ghall-prostituzzjoni lil Adriana Zerafa jew eccita l-korruzzjoni taghha, jew ghen jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni;

f) u atar talli b’hekk sar recidiv b’sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta’ Marzu 1997 (Awla 6) u fl-1 ta’ Mejju 1997 (Awla Nru 14).

Il-Qorti giet mitluba li tapplika wkoll l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mark Azzopardi hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu salv ghall-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' erba’ snin prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Azzopardi pprezentat fl-1 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu din sabet lill-appellant hati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, u tikkonfermaha fejn huwa gie liberat mill-ewwel imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda tal-psikjatra Dott. Joseph Spiteri u tal-*probation officer* Marietta Lanzon;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda t-tieni u t-tielet aggravji ta' l-appellant.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni li ma jmissux instab hati tal-hames imputazzjoni peress ir-reat hemm addebitat lilu jikkontempa zewg elementi li fil-fatt ma rrizultawx, u cioe` li kien hemm possibilita` ta' involviment ta' terzi, u li l-att ta' "thajjir" jew "eccitar" jipprecedi l-atti sesswali, u mhux jigu wara.

L-artikolu 204 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment li "kull min, biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor, ihajjar ghall-prostituzzjoni persuna ta' taht l-eta`, jew jeccita l-korruzzjoni taghha, jew ighin jew jiffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, jehel …." Mill-kliem tal-ligi huwa evidenti li l-element formali hawn huwa l-intenzjoni tal-hati li "jissodisfa z-zina ta' haddiehor" u mhux, mela, tieghu nnifsu, f'liema kaz allura wiehed jista' jitkellem dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Fil-kaz in ezami l-appellant fittex li jissodisfa z-zina tieghu nnifsu u mhux ta' haddiehor. Ghalhekk dan l-aggravju huwa gustifikat.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant ihoss ghandha tigi mitigata minhabba l-istat mentali ta' l-appellant. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha x-xiehda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri u r-relazzjoni dettaljata tieghu. Jirrizulta li l-appellant ghandu problema ta' kontroll ta' impulsi, partikolarment dawk sesswali. Dan ma jfissirx li huwa mhuwiex jew ma kienx kapaci ta' *intendere u volere*. Ghalhekk ghandu jitqies kriminalment responsabbli. Pero` jfisser li huwa essenzjali li jibqa' jiehu l-kura li bhalissa qed tinghatalu u preferibilment fl-ambjent prezenti. Ghalhekk il-Qorti sejra taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha opportuni f'dar-rigward.

Kwantu ghall-perijodu ta' prigunerija, ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li tieghu l-appellant instab hati jgorr mieghu piena ta' prigunerija ta' minn tliet snin sa sitt snin. B'zieda ta' grad minhabba l-addebitu tar-recidiva mill-piena minima ta' tliet snin il-piena titla' ghal erba' snin. Ghalhekk m'hemmx lok ta' tnaqqis fil-piena nflitta. Pero` din il-Qorti sejra tuza d-diskrezzjoni taghha a ternur ta' l-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali kif allura vigenti sabiex tordna li mit-terminu nflitt jitnaqqas iz-zmien li l-apepllant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni, tiddikjarah mhux hati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tikkonfermaha fil-kumplament b’dan izda li miz-zmien ta’ prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz. Inoltre tirakkommanda bil-qawwa kollha lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta Kordin li l-appellant jibqa’ jinghata l-kura li qieghed prezentement jinghata taht il-harsien tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri u preferibilment ukoll billi jintbaghat f’dak il-ward li fil-prezent qieghed jinghata l-kura mehtiega.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------